*Intervista ma' **Carmelo Schembri** (tal-Pesu) ta' 68 sena minn Ħal Tarxien, Lulju 2003*

*Karmenu, kif ġie dan il-laqam?*

Missieri meta kien żgħir kien imur għand nannuh li kien bil-baqar, u kellu qattus li minflok jgħidulu pejxu kienu jgħidulu pesu.

*X'kien* ix-xog*ħol ewlieni tal-ġenituri tiegħek?*

Ommi meta kienet xebba kienet taħdem ir-raba' man-nies u hi u ħutha kienu jiġbru x-xewk u jbigħuh lil tar-razzett, bil-ħemel. U ġurnata xogħol fir-raba' madwar tmenin sena ilu kienet xelin, minn qabel titla' x-xemx sa nżul ix-xemx. Wara dak ix-xogħol kienet taħdem l-Għammieri, ixarrbu d-demel fil-vaski, ikissruh u wara jsaqqu bl-ilma mħallat mad-demel. Wara żżewġet u kellha disat itfal, erba' bniet u ħames subien. Ommi barra x-xogħol tad-dar kienet tgħin lil missieri fix-xogħol tar-raba' u l-bhejjem, bħal nagħaġ, mogħoż u barrin.

*X'kien ix-xogħol ta' missierek? U mir-raba' biss kien jgħajjex lil- familja?*

Missieri ta' ħmistax-il sena kien jaħdem l-Għammieri . L-aktar xogħol li kien jagħmel kien jaħrat bil-bhejjem. Kellu tnejn u tletin tomna raba' bagħli li fihom kien ikabbar qamħ, xgħir, qoton, ġulġlien, ġilbiena, silla, widna, żufżfa (għazz), patata u basal għas-safar, bajtar tax-xewk, tin, farkizzan, bajtar ta' San Ġwann u għeneb. Qabel, niftakar li meta niżirgħu s-silla konna niżirgħu tliet raddi għazz mad-dawra ta' l-għalqa minħabba l-bebbux iswed li ngħidulu tork. Allura l-bebbux ma kienx jiggosta l-għazz u b'hekk konna nipproteġu x-xitel tas-silla.

*Karm, kif kontu tgħinu lil missierek, int u ħutek?*

Aħna l-aħwa kollha konna mmiddu idejna għax-xogħol tar-raba'.

*X'inhu ix-xogħol li l-aktar kont tagħmel int?*

L-aktar jien kont naħsad bil-minġel il-qasbija kollha, il-widna u l-ġilbiena.

*Missierek kull sena kien jagħmel* il-qiegħ*a? U x'kien jidres?*

Iva, kull sena. Kien jidres il-qamħ, xgħir, ġilbiena, ful u żofżfa.

*Int x'kien xogħlok meta kontu tagħmlu l-qiegħa?*

Daqqa nqalleb bil-midra, indawwar il-bhima, ngħarbel u tista' tgħid nagħmel ix-xogħol kollu li jgħidli missieri.

*Intom bħala wlied il-bdiewa, batejtu fil-gwerra?*

Aħna ma tantx batejna, għax l-ewwel konna nieklu aħna qabel missieri jbiegħ il-prodott, li dak iż-żmien kienu jiġu r-razzett ta' quddiem il-Markiż Barbaro Ħal Tarxien biex jixtru.

*Ġie li partatt prodott* tal-biedja *ma' xi ħaġa oħra minflok flus?*

Iva, ġie li partatt prodott tar-raba' ma' annimali jew xi żrieragħ.

*Int kont tmur skola meta kont żgħir u tgħin lil missierek fir-raba'?*

Kont immur skola, pero x'ħin niġi, mill-ewwel għall-għalqa.

*Kemm dam jaħdem ir-raba' missierek?*

Dam jaħdem ir-raba' sakemm miet ta' sebgħin sena.

*Il-qiegħa baqa' jagħmilha sa l-aħħar?*

Sa erba' snin qabel miet kien għadu jagħmel il-qiegħa tradizzjonali.

*Kemm kellu bhejjem biex jaħdem dawk it-tnejn u tletin tomna raba'?*

Kellu bagħla li din trid tagħmel ix-xogħol fir-raba' u bħala mezz tat-trasport.

*Tiftakar xi ġrajja m'hix tas-soltu?*

Darba fost l-oħrajn kif ġejt mill-quddies ta' filgħodu kont sejjer l-iskola, u dakinhar konna sejrin Għar Dalam. Sabni missieri fir-remissa u qalli: "Fejn sejjer?" u jien għedtlu: "L-iskola, għax ser jeħduna Għar Dalam". U hu qalli: "Ħallik minn Għar Dalam u imxi miegħi fl-għalqa ħa naħsdu l-ġilbiena." U jien obdejt lil missieri u bqajt ma mortx.

*Kif kont tħossok fejn tfal oħra bħala tifel ta' bidwi?*

Jien kien iħossni bħal ħaddieħor u fl-iskola qatt ma kont lura u fil-fatt naf nikteb u naqra; anke missieri kien jaf jikteb u jaqra.

*Kif tipparaguna żmien tfulitek ma' llum?*

Aħna fi tfulitna kellna ikel naturali tant li konna nsajru bil-borom tal-fuħħar fuq il-kenur u wara fuq l-ispiritieri. U ommi baqgħet sa l-aħħar tiekol minn fuq l-ispiritiera. Dak iż-żmien konna kuntenti ħafna u nilagħbu bix-xejn u naħseb li t-tfal ta' llum għandhom kollox u ma jikkuntentahom xejn. Nixtieq inżid li l-agrikoltura bqajt inħobbha u għadni naħdem għalqa bħala delizzju u nkabbar ħxejjex friski għad-dar.